# Taħbit il-Qalb

*Kull darba li nqiegħed*
*din idi fuq sidri...*
*Inħoss ġewwa fija*
*Bħal ħaġa qed tħabbat*
*F'xi rokna moħbija...*
*Il ġewwa, ġo qalbi, fil-qiegħ...*
*Qed tħabbat w issammar*
*Bla ebda mistrieħ;*
*Waħedha*
*Bħal wieħed taħt l-art qed iħaffer bil-lej'*
*Biex jeqred l-egħdewwa fuq rasu*
*W iġibhom fix-xej'.*

*Kull daqqa, meqjusa,*
*Hassejtha ġo qalbi magħfusa,*
*Iddamdam maħnuqa*
*U tidwi ġo fija fis-skiet,*
*Bħal ħoss ta' xi ġebla*
*Li taqa' mill-għoli fl-ilmiet...*
*U tqanqal din qalbi*
*Minn xniexel għeruqha*
*W iġġagħalni nirtogħod*
*Bħa ħaġa theddidni mill-bogħod...*
*Għax naf li f'dik l-id*
*Qed tħabbat w issammar*
*Hemm fehma li trid*
*Iġġarraf u tkisser u tħott*
*Kull qawwa li l-ħajja f'miljitha taf trodd.*

*Nistħajjel li nħoss f'kull taħbita,*
*Id-daqqa qalila w imqita*
*Tal-mewġa fir-rwiefen xitwija,*
*Li tħabbat imgħaddba*
*Mal-plajja blatija,*
*Li tiekol u taħfi u tagħleb mas-snin*
*Is-swar donnhom ġganti weqfin,*
*W iddewweb saħħithom mis-sies*
*f'gozz ramel imxerred fil-baħar bla qies.*

*Għalhekk ma' kull daqqa*
*Hemm fija xi ħaġa tirtogħod*
*W inħoss li bil-mod*
*Qed tonqos il-ħeġġa*
*Taż-żmien taż-żgħożija*
*W il-ħila w is-saħħa li biha*
*Dil-qalb kienet tfur...*
*U mifni u magħdur*
*Inħoss li kull daqqa qed teqred ġo fija*
*L-imrammi żonqrija*
*Li fuqhom tistrieħ din il-ħajja*
*U tħalli warajha*
*Ġerħiet u ħerbiet*
*Li tikber mas-snin u tiżdied...*
*W inħossni għajjien*
*Bħal nieżel pass pass it-turġien*
*Tal-qabar quddiemi miftuħ*
*Fejn jaqa' w jindifen dal-ġisem bla ruħ.*

*Għalhekk fuq xofftejja*
*Id-daħka ta' darba*
*Il-lum donnha tbiddlet bħal f'karba.*
*W ittaqqlu riġlejja*
*W iddalmet għajnejja*
*U f'qalbi l-ferħ siket*
*U tbiddel hekk f'daqqa bħal f'bikja ta' niket.*

*Żgħożija, żgħożija,*
*Għasfur ġej mis-sema,*
*Fejn jidħak il-hena bla demgħa,*
*Fejn tlellex id-dija misfija,*
*Għasfur li fil-masġar ta' qalbi*
*Bir-rogħda tal-ħajja mimlija*
*Kont tarmi madwarek*
*Il-ħlewwa balzmija*
*Ta' għanjietek sabiħa*
*Mogħnija bil-fwieħa,*
*Ta' nida u ta' żahar,*
*Żgħożija, żgħożija,*
*Fejn ħrabtli hekk f'daqqa?*

*Kif tirt minn ġo fija?*
*U waħdi u mbikkem ħallejtni*
*Biex nibki fl-imrar*
*Iż-żmien tar-rebbiegħa li ħarab u tar!*

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

*Kull darba li b'idi fuq sidri*
*Inħoss dit-taħbita*
*Did-daqqa meqjusa w imqita,*
*Ta' l-id li moħbija*
*Qed taħdem qerrieda ġo fija...*
*Nistħajjel f'kull daqqa*
*L-id mgħaddma tal-mewt qed issammar*
*Bil-lejl u bin-nhar bla mistrieħ,*
*Qed taħdem biex thejji t-tebut*
*Fejn ġismi minn ruħi mifrud*
*Għad darba jimtedd biex fl-aħħar jistrieħ.*
*W id-daqqa ta' l-aħħar fuq l-aħħar musmar*
*Tkun l-aħħar taħbita ġo sidri musfar*
*W ikun dak it-tmiem...*
*L-egħluq ta' dil-ħajja ta' dmugħ*
*Ta' niket ir-ruħ*
*W il-ftuħ ta' ħajja oħra ta' hena u ta' sliem!*

Ġ. Delia, S.J.

---

## IL-QABAR TAR-REBBIEGĦA

*Meta mal-minġel taqa' l-aħħar sbula*
*u tinxef ġewwa l-wied l-aħħar ħofra ilma,*
*ġwejda r-Rebbiegħa tmut u dlonk tindifen*
*f'qabar fil-plajja;*

*Ix-xewk madwari jixgħel lampi vjola*
*il-ferli dritt u għoli joqgħod għassa,*
*u x-xirbebb bi ħduritu sewdenija*
*jagħmel il-vistu.*

*Mejta r-Rebbiegħa ħdejn il-mewġ tistenna*
*li jidħol Marzu fuq il-ġwienaħ koħol*
*tal-qtajja' tal-ħuttaf u jdoqq it-tromba*
*tad-dawl u l-ġmiel.*

A. Buttigieg.